

Brussell, 15 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0213(COD)
2019/0161(COD)
2018/0212(COD)

13116/1/19
REV 1

JUR 591
EUROGROUP 10
ECOFIN 873
UEM 301
CODEC 1481
CADREFIN 343

KONTRIBUT

minn:	Servizz Legali
lil:	Grupp tal-Euro fil-format inklużiv
Suġġett:	Strument baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività: eżami tal-istatus legali, ir-relazzjoni u l-effetti tal-klawsola ta' awtorizzazzjoni u l-ftehim intergovernattiv.

I. INTRODUZZJONI

1. Id-dokument dwar il-Kondizzjonijiet dwar l-Istrument Baġitarju għall-konverġenza u l-kompetittività (BICC), kif approvat mill-Grupp tal-Euro (format inklużiv) tad-9 ta' Ottubru 2019, jinkludi, fost l-oħrajn, it-test li ġej rigward il-finanzjament tal-istrument.

“Discussions on an IGA, whose legal status will be explained in an annex to the summing up letter by the Council Legal Service, will continue at the level of the EWG. The EWG should submit a report covering the need, the content, modalities and the size of an IGA in due time to allow for a final decision in the context of the MFF.

An enabling clause to be included in the Regulation based on Art 175”

2. Matul il-laqgħa tal-Grupp tal-Euro (format inklużiv) tad-9 ta' Ottubru 2019, is-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK) ġie mistieden jiċċara l-istatus legali, ir-relazzjoni u l-effetti tal-klawsola ta' awtorizzazzjoni kif ukoll tal-Ftehim Intergovernattiv (IGA) li ssir referenza għalih fid-dokument dwar il-kondizzjonijiet. Barra minn hekk, il-President tal-Grupp tal-Euro talab lis-Servizz Legali tal-Kunsill biex l-intervent orali tiegħu tiġi riflessa bil-miktub (kif imfakkar ukoll fid-dokument dwar il-kondizzjonijiet). Dan il-kontribut isegwi dik it-talba.

II. ANALIŻI LEGALI

3. L-iskop tal-klawsola ta' awtorizzazzjoni li għandha tiddaħħal fir-Regolament previst dwar il-BICC huwa li tawtorizza kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni u tallokahom għan-nefqa finanzjarja li tirriżulta mill-BICC. Kontribuzzjonijiet addizzjonali bħal dawn jingħataw bħala dħul assenjat estern, bħala eċċezzjoni għall-prinċipju baġitarju tal-universalità skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Finanzjarju, li skontu, id-dħul kollu jiffananzja mingħajr distinzjoni l-partiti kollha tan-nefqa. Għaldaqstant, dik l-eċċezzjoni għandha tiġi fformulata permezz ta' deroga għall-prinċipju tal-universalità, possibbiltà miftuħa għad-diskrezzjoni tal-leġislatur tal-UE, kif jidher mill-kategoriji eżistenti tad-dħul assenjat estern u intern imsemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament Finanzjarju nnfis.

4. Madankollu, it-Trattati tal-UE jew att tal-liġi sekondarja tal-UE (bħar-Regolament tal-BICC) ma jistgħux jobligaw legalment lill-Istati Membri biex jikkonkludu l-ftehim intergovernattiv imsemmi fid-dokument dwar il-kondizzjonijiet, jew iġegħluhom jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni lil hinn mill-qafas tal-obbligazzjonijiet finanzjarji tagħhom kif definit skont is-sistema tar-riżorsi proprji. Għalhekk, il-klawsola ta' awtorizzazzjoni ma tistax tkun il-bażi għan-negozjati, l-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehim intergovernattiv fejn Stati Membri jimpenjaw ruħhom legalment sabiex jikkondividu u jallokaw dħul estern għall-BICC. L-Istati Membri, soġġetti għal-liġi pubblika internazzjonali, huma liberi li jiddeċiedu li jinnegozjaw, jiffirmaw u jikkonkludu l-ftehim intergovernattiv¹.
5. Il-kunsens tal-Istati Membri li jkunu marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-ftehim intergovernattiv jiddependi mir-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali tagħhom².

¹ Ara l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill (dokument 5347/19) dwar il-proposta dwar il-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti fejn is-Servizz Legali tal-Kunsill ikkonkluda li "*id-dritt tal-Unjoni ma jistax jimponi obbligu fuq Stat Membru li jikkonkludi [ftehim intergovernattiv]*". Dik l-opinjoni ssottolinjat ukoll li "*L-Artikolu 175(3) TFUE (...) ma jistax jintuża biex iġieġhel, direttament jew indirettament, lill-Istati Membri jagħmlu aktar kontribuzzjonijiet lill-Unjoni lil hinn mis-sistema tar-Riżorsi Proprji tal-Unjoni.*" (paragrafu 61).

² Anke jekk, fil-passat, trattati intergovernattivi fil-qasam tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (bħat-Trattat dwar il-MES, it-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Konverġenza u l-Kompetittività, jew il-ftehim intergovernattiv dwar it-trasferiment ta' kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni) ġew konklużi mill-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, dan il-fatt huwa konsegwenza ta' xewqa li tinżamm koerenza politika, pjuttost milli obbligu legali li jirriżulta mit-Trattati tal-UE jew mil-liġi sekondarja.